



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14981/21
ADD 1
LIMITE
PV CONS 49
JAI 1413
COMIX 629

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)
9 u 10 ta' Diċembru 2021

WERREJ

Paġna

AFFARIJET INTERNI

Attivitajiet mhux leġislattivi

5.	Regolament tal-Kunsill dwar Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen	4
6.	Konklużjonijiet dwar it-tweġġ tal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen fil-Kroazja.....	4
7.	Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà	4
8.	Next Generation EU - nipprevjenu l-infiltrazzjoni mill-kriminalità organizzata	4
9.	Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti li jittrattaw il-ġlieda kontra t-terroriżmu.....	5
10.	Il-ġlieda kontra t-theddid ibridu u l-isfidi migratorji.....	5
11.	Affarijiet oħra	5
a)	Laqgħa Ministerjali tal-ĠAI bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent (Brdo, 2-3 ta' Diċembru 2021)	
b)	Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Washington, 16 ta' Diċembru 2021)	
c)	Konferenza Ministerjali dwar l-abbuż sesswali tat-Tfal, 11-12 ta' Novembru 2021, Brdo pri Kranju, Slovenja	
d)	Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss	

ĠUSTIZZJA

Attivitajiet mhux leġislattivi

14.	Adeżjoni tal-UE għall-KEDB.....	6
15.	Il-pandemija tal-COVID-19 - tagħlimiet meħuda għall-funzjonament tal-qrati u għall-istħarriġ/skrutinju ġudizzjarju tal-miżuri ta' emerġenza.....	6
16.	Il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda għal Ewropa aktar inklużiva u protettiva	6
17.	UPPE - Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew	6

18.	Affarijiet oħra	7
a)	Laqgħa Ministerjali tal-ĠAI bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent (Brdo, 2-3 ta' Diċembru 2021)	
b)	Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Washington, 16 ta' Diċembru 2021)	
c)	Proposti futuri fil-qasam tal-ġustizzja	
d)	Rapport Annwali 2021 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-era diġitali	
e)	Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss	
	ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	8

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

5. **Regolament tal-Kunsill dwar Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen**  14629/21 + ADD 1
Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport tal-Presidenza dwar il-progress li sar fin-negozjati dwar ir-Regolament tal-Kunsill dwar mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen.

6. **Konklużjonijiet dwar it-twettiq tal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen fil-Kroazja** 14764/21
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet dwar it-twettiq tal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen fil-Kroazja.

7. **Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà** 14132/21
Informazzjoni mill-Kummissjoni u eu-LISA 14134/21
Skambju ta' fehmiet

Il-Ministri qablu dwar qafas ta' żmien rivedut għall-implimentazzjoni ta' ċerti elementi tal-interoperabbiltà ta' bażijiet tad-data fuq skala kbira tal-ĠAI.

8. **Next Generation EU - nipprevjenu l-infiltrazzjoni mill-kriminalità organizzata** 14255/21
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Ministri kellhom dibattitu dwar il-fondi tal-UE għall-irkupru u dwar l-aħjar mod kif tista' tiġi pprevenuta l-infiltrazzjoni mill-kriminalità organizzata fl-istrutturi u fil-proċessi legali.

9. Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti li jindirizzaw il-ġlieda kontra t-terroriżmu



a) *Is-sitwazzjoni attwali mill-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (EU CTC)*

b) *Is-sitwazzjoni attwali mill-Grupp Kontra t-Terroriżmu (CTG)¹*

a) Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu.

b) Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija.

10. Il-ġlieda kontra t-theddid ibridu u l-isfidi migratorji

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kummissjoni u s-SEAE ppreżentaw l-azzjonijiet meħuda biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu ppreżentat mir-reġim tal-Belarużja u pprovdew ħarsa ġenerali qasira lejn l-isfidi migratorji attwali.

11. Affarijiet oħra

a) **Laqgħa Ministerjali tal-ĠAI bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent**

14718/21

(Brdo, 2-3 ta' Diċembru 2021)

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

b) **Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni**

(Washington, 16 ta' Diċembru 2021)

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

c) **Konferenza Ministerjali dwar l-abbuż sesswali tat-Tfal,**

11-12 ta' Novembru 2021, Brdo pri Kranju, Slovenja

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Presidenza infurmat lill-Ministri dwar il-konferenza ministerjali msemmija hawn fuq.

d) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**

Preżentazzjoni minn Franza

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni bil-fomm tal-programm tal-Presidenza Franċiża li jmiss.

¹ B'mod eċċezzjonali, fil-preżenza tal-Istati Assoċjati ma' Schengen.

ĠUSTIZZJA

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

14. Adeżjoni tal-UE għall-KEDB

Sitwazzjoni attwali

Il-Kunsill ġie aġġornat mill-Presidenza u l-Kummissjoni dwar in-negozjati għall-adeżjoni tal-UE mal-KEDB. Din is-sitwazzjoni attwali kopriet il-progress li sar fin-negozjati fil-Kunsill tal-Ewropa u l-ħidma rilevanti fi ħdan il-korpi kompetenti tal-Kunsill.

15. Il-pandemija tal-COVID-19 - tagħlimiet meħuda għall-funzjonament tal-qrati u għall-istħarriġ/skrutinju ġudizzjarju tal-miżuri ta' emerġenza

14266/21

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar it-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19 għall-funzjonament tal-qrati u l-iskrutinju ġudizzjarju tal-miżuri ta' emerġenza abbażi ta' dokument tal-Presidenza (dokument 14266/21). Il-Ministri qasmu l-aħjar prattiki tagħhom biex jinżamm sħarriġ ġudizzjarju effettiv u enfasizzaw l-importanza tad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji.

16. Il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda għal Ewropa aktar inklużiva u protettiva

14334/21

Skambju ta' fehmiet

Il-Ministri eżaminaw waqt l-ikla ta' nofsinhar kif jistgħu jkomplu jissaħħu l-isforzi kontra t-tixrid ta' diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda (anke online) u kif jittejjeb ir-rapportar mill-vittmi u l-protezzjoni tagħhom.

17. UPPE - Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

14220/21

Sitwazzjoni attwali

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali pprovduta mill-Kummissjoni u mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

18. Affarijiet oħra

- a) Laqgħa Ministerjali tal-ĠAI bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent (Brdo, 2-3 ta' Diċembru 2021)**

14718/21

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali pprovduta mill-Presidenza dwar il-laqgħa ministerjali mal-Ministri tal-ĠAI tal-Balkani tal-Punent li saret fi Brdo fit-2-3 ta' Diċembru 2021.

- b) Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Washington, 16 ta' Diċembru 2021)**

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar it-tnejn tal-laqgħa ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti skedata f'Washington fis-16 ta' Diċembru 2021.

- c) Proposti futuri fil-qasam tal-ġustizzja**

Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni infurmat lill-Kunsill dwar il-pjanijiet tagħha rigward proposti futuri li għandhom jiġu ppreżentati fix-xhur li ġejjin fil-qasam tal-ġustizzja.

- d) Rapport Annwali 2021 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-era diġitali**

14592/21

Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill ir-Rapport Annwali tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

- e) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**

Preżentazzjoni minn Franza

Il-Presidenza li jmiss infurmat lill-Kunsill dwar il-programm ta' ħidma tagħha fis-settur tal-ġustizzja.



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni



Punt ristrett

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 14626/21

Dwar il-punt "A"
nru 9:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni dwar is-Sentenzi
Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

"Id-Deċiżjoni dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar ir-Rikonossiment u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi Barranin f'Materji Ċivili jew Kummerċjali għandha tindika lill-Kummissjoni bħala responsabbli biex taħtar il-persuna/i bis-setgħa li tiddepożita/jiddepożitaw, fisem l-Unjoni, l-istrument ta' adeżjoni msemmi fl-Artikolu 24(4) tal-Konvenzjoni. Il-bidliet għall-Artikolu 2 li jindikaw li l-President tal-Kunsill huwa responsabbli għal tali ħatra għalhekk mhumiex f'konformità mat-Trattati.

Il-ħatra tal-persuna/i bis-setgħa li tiddepożita/jiddepożitaw, fisem l-Unjoni, l-istrument ta' adeżjoni għal ftehim internazzjonali huwa att ta' rappreżentanza esterna tal-Unjoni, li, f'konformità mal-Artikolu 17(1) TUE, huwa l-prerogattiva istituzzjonali tal-Kummissjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li prattika konsistenti mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma humiex f'konformità mat-Trattati tal-UE 'ma tistax temenda r-regoli tat-Trattati li l-istituzzjonijiet huma obbligati josservaw' (il-Kawża C-687/15 Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, EU:C:2017:803, para. 42).

Filwaqt li ma topponix l-adozzjoni tal-emenda mill-Kunsill b'vot ta' maġġoranza kwalifikata, il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"Ir-Repubblika tal-Awstrija tixtieq ittenni t-tħassib tagħha dwar l-implikazzjonijiet possibbli ta' adeżjoni, mingħajr kjarifika suffiċjenti, għall-Konvenzjoni dwar ir-Rikonossiment u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi Barranin f'Materji Ċivili jew Kummerċjali (f'dan li ġej il-"Konvenzjoni") mill-Unjoni Ewropea (UE) fir-rigward tal-immunità tal-istat u l-Artikolu 4 tal-Istatut ta' Mblukkar tal-UE (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96). L-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni tista' tobbliga lill-Istati Membri tal-UE jeżegwixxu sentenzi barranin saħansitra f'każijiet fejn tali sentenzi jkunu ngħataw kontra Stat Membru tal-UE bi ksur tar-regoli tal-immunità tal-istat skont id-dritt internazzjonali jew bl-applikazzjoni ekstraterritorjali tal-liġijiet nazzjonali ta' stati terzi, li t-tnejn jikkostitwixxu ksur tad-dritt internazzjonali u b'hekk ma jirrispettawx il-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni. B'hekk, l-Awstrija tixtieq tenfasizza l-partijiet rilevanti tal-Konvenzjoni u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li jippermettu lill-qrati tal-Istati Membri tal-UE jirrifjutaw ir-rikonossiment jew l-eżekuzzjoni ta' tali sentenzi barranin:

1. L-Artikolu 2, paragrafu 5 tal-Konvenzjoni jipprevedi li "[m]a hemm xejn f'din il-Konvenzjoni li għandu jaffettwa l-privileġġi u l-immunitajiet tal-Istati jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, fir-rigward tagħhom stess jew tal-proprietà tagħhom".
2. L-Artikolu 7, paragrafu 1, lit. c tal-Konvenzjoni jippermetti lil Stat Parti jirrifjuta r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza barranija wkoll "f'sitwazzjonijiet li jinvolvu ksur tas-sigurtà jew is-sovranià".
3. Skont il-premessi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, "jenħtieġ li l-Konvenzjoni tippermetti r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni biss meta l-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni jiġu rrispettati".

F'konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet, ir-Repubblika tal-Awstrija hija tal-fehma li l-Istati Membri tal-UE għandhom jirrifjutaw ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza barranija mogħtija bi ksur tad-dritt internazzjonali skont ir-regoli tal-immunità tal-istat jew bl-applikazzjoni ekstrasitorjali tal-liġijiet nazzjonali ta' stati terzi."
